**26 ta' Mejju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law.)**

Il-Pulizija

*versus*

Steven Zahra

**Ammissjoni - Reċidiva**

*Ħafna drabi, fejn ikun hemm ammissjoni, l-akkużat jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Mill-banda l-oħra jista' jkun hemm ċirkostanzi li, minkejja tali ammissjoni, xorta waħda tali riduzzjoni m'għandhiex tapplika f'dak il-każ partikolari. Kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu u għalhekk kull każ għandu jiġi ttrattat għalih waħdu, separatament minn kull każ ieħor fejn ukoll ikun hemm din l-ammissjoni ta' l-akkużat.*

*L-effett tar-reċidiva mhuwiex li l-istess persuna qed tiġi punita*

*darbtejn fuq xi reat antecedenti li fuqu tkun ġà ġiet mogħtija piena, iżda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tiġi punita għal fatt ġdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tiġi punita għall-istess fatt iżda għall-ewwel darba u bla preċedenti.*

*Ir-reċidiva fil-fatt hija ċirkostanza merament personali, u ma għandha ebda referenza għall-kontenut objettiv la tar-reat preċedenti u lanqas tar-reat attwali, billi l-awment fil-piena bħala effett tar-reċidiva mhux inflitt għall-ewwel reat, li l-piena tiegħu ġà ġiet espijata jew kundannata. Lanqas dan l-awment mhu inflitt għar-reat attwali li baqa' l-istess fil-kontenut materjali tiegħu. L-awment fil-piena għandu rapport biss mal-personalità tal-ħati u jsib ir-raġuni tiegħu fil-persistenza tal-ħati fid-delinkwenza.*

*Ir-reċidiva hija akkuża u reat per se, separata u distinta minn kwalunkwe akkuża jew akkużi oħra, tant li l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedu ċerti kondizzjonijiet u elementi li jridu jiġu sodisfatti u, fuq kollox, ippruvati mill-prosekuzzjoni, tant li wieħed jista' jiġi lliberat minn akkuża ta' reċidiva.*

*L-akkuża tar-reċidiva hija limitata biż-żmien, u dan ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn l-artikoli jitkellmu dwar ir-reċidiva b'mod ġenerali għal kwalunkwe tip ta' reat u delitt. Issa l-artikolu 289 ta' l-istess Kodiċi jitkellem, mill-banda l-oħra, f'parti speċjali jew espressa ta' dan il-Kodiċi li permezz tiegħu ma hemm l-ebda limitazzjoni ta' żmien.*

Il-Qorti:-

Rat l-akkużi kontra Steven Zahra li bihom hu ġie akkużat:

Talli fis-16 ta' April, 1997, għall-ħabta ta' l-4.30 p.m. fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' *radio casette* tal-marka *Pioneer*, *serial number* 006173 u *mobile phone* tal-marka *Nokia*, *serial number* 04/38/00/19136 li l-valur tagħhom huwa ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm425) minn vettura bin-

numru tar-reġistrazzjoni AAD-298, għad-dannu ta' Philip Petroni li joqgħod "Meadow Vale", Triq tax-Xmiexi, Msida, liema serq huwa aggravat bl-ammont, mezz u x-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikoli 261 (b), (ċ), (ġ), 263, 267 u 271 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement xtara jew laqa' għandu oġġetti misruqa meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi, volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċjoè fil-vettura nru. AAD-298 għad-dannu ta' l-istess Philip Petroni, liema ħsara hija ta' aktar minn ħamsin lira Maltija (Lm50) iżda mhux aktar minn ħames mitt lira Maltija (Lm500) u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 1991 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Talli kiser il-provvediment ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 152 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Awla 1) fit-28 ta' Frar, 1994;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Jannar, 1998 li biha qalet li wara li semgħet lill-imputat appellant jistqarr volontarjament fis-seduta tat-18 ta' Novembru 1997 li kien qiegħed jammetti l-imputazzjonijiet ta' serq bil-kwalifiki relattivi u dik ta' ħsara

volontarja dedotti kontra tiegħu bl-eċċezzjoni ta' l-imputazzjonijiet indikati bl-ittra (b), (d) u (e) fuq, filwaqt li lliberatu mill-akkuża ta' riċettazzjoni u ksur tal-*probation order*, sabitu ħati: l-ewwelnett talli fis-16 ta' April, 1997, għall-ħabta ta' l-4.30 p.m. ta' filgħaxija, fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' *radio casette* tal-marka *Pioneer*, *serial number* 006173 u *mobile phone* tal-marka *Nokia, serial number* 04/38/00/19136 li l-valur tagħhom huwa ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm425) minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAD-298 għad-dannu ta' Philip Petroni li joqgħod "Meadow Vale", Triq tax-Xmiexi, Msida, liema serq huwa aggravat bl-ammont, mezz u x-xorta tal-ħaġa misruqa, u fit-tieni lok, sabitu ħati talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċjoè fil-vetetura nru. AAD-298 għad-dannu ta' l-istess Philip Petroni, liema ħsara hija ta' aktar minn ħamsin lira Maltija (Lm50) iżda mhux aktar minn ħames mitt lira Maltija (Lm500), u fit-tielet lok talli huwa reċidiv b'sentenza definittiva mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 1991 u dan skond l-artikoli 261 (b), (ċ), (ġ), 262, 264, 267, 271 (ġ), 278 (3), 279 (a), 280 (2), 281 (a), 325 (b), 40, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk wara li kkunsidrat l-artikolu 17 in rigward ta' konkors ta' reati u pieni, kkundannat lill-appellant għall-piena ta' priġunerija ta' tmintax-il xahar priġunerija li minnu jitnaqqas il-perijodu kollu ta' l-arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Steven Zahra li bih hu ddikjara li kien ħass ruħu aggravat b'dik is-sentenza, u għalhekk talab li din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza ta' l-Ewwel Qorti *tas-6 ta' Jannar, 1998, billi tirrevokaha in kwantu l-appellant ġie* misjub ħati ta' l-imputazzjoni indikata bl-ittra (d) fuq, u tikkonfermaha in kwantu sabitu ħati tal-kumplament ta' l-akkużi, u tirriforma l-piena billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern;

Rat il-provi u d-dokumenti esebiti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt l-appellant mhux qed jappella mis-sentenza kollha ta' l-Ewwel Qorti, iżda biss mill-parti ta' dik is-sentenza fejn sabitu ħati li kien reċidiv b'sentenza tal-Qorti *tal-Maġistrati* (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 1991, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, filwaqt li reġa' tenna l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet taħt l-ittri (a) u (ċ) li jidhru hawn fuq;

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li, skond hu, l-Ewwel Qorti kienet għamlet enunċjazzjoni ħażina u żbaljata tal-liġi f'dak li għandu x'jaqsam mas-sejbien ta' ħtija fil-konfront ta' l-akkuża tar-reċidiva, u anzi jirritjeni li l-Ewwel Qorti qatt ma messha sabitu ħati ta' din l-akkuża, u jagħti żewġ raġunijiet l-għaliex, u ċjoè: illi kienu għaddew aktar mill-ħames snin imsemmija fl-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali mis-sentenza tat-23 ta' Ottubru, 1991, meta l-appellant ikkommetta s-serq ikkwalifikat u ħsarat volontarji fil-każ odjern fis-16 ta' April, 1997, skond l-akkużi (a) u (ċ), u bla preġudizzju għas-suespost, stante li l-piena inflitta fl-imsemmija sentenza tat-23 ta' Ottubru, 1991, kienet waħda ta' R & A (ċanfira u twiddiba), li hi piena ta' kontravvenzjoni, ma jistax japplika d-dispost ta' l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar "delitti", u dan minkejja l-fatt li l-akkuża fil-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati deċiż fit-23 ta' Ottubru, 1991 kienet waħda *ta' delitt* u ċjoè ta' serq sempliċi;

Illi t-tieni aggravju ta' l-appellant hu, li skond hu, fi kwalunkwe każ, il-piena ta' tmintax(18)-il xahar priġunerija, bit-tnaqqis tal-perijodu kollu ta' l-arrest preventiv, imposta fuqu

bis-ssentenza appellata kienet waħda eċċessiva u dan l-għaliex, skond hu, l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li hu kien ammetta kważi l-akkużi kollha u ma bbenifikax minn xi mitigazzjoni tal-piena;

Illi huwa minnu li f'ħafna drabi, fejn ikun hemm ammissjoni, *l-akkużat jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena.* Mill-banda l-oħra jista' jkun hemm ċirkostanzi li, minkejja tali ammissjoni, xorta waħda tali riduzzjoni m'għandhiex tapplika f'dak il-każ partikolari. Kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu u għalhekk kull każ għandu jiġi ttrattat għalih waħdu, separatament minn kull każ ieħor fejn ukoll ikun hemm din l-ammissjoni ta' l-akkużat;

Illi fis-sentenza kkwotata mill-appellant fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Nicholas Azzopardi** (att ta' akkuża 19/96) deċiża fl-24 ta' Frar, 1997, hemm imniżżla ċerti linji ta' gwida meħuda minn *Blackstone's Criminal Practice*, li hawn qed issir referenza għalihom. Iżda jingħad li dawn huma biss *guidelines* u bla ebda mod ma huma intiżi li għandhom jiġu applikati dejjem u f'kull każ ta' ammissjoni. Id-deċiżjoni u diskrezzjoni jekk akkużat misjub ħati jingħatax tnaqqis fil-piena minħabba dawn iċ-ċirkostanzi mitiganti hi dejjem f'idejn il-Qorti li qatt mhi marbuta li tapplikahom jew li fil-fatt tagħti xi tnaqqis fil-piena. Qed jiġi nnutat li donnu dejjem qed isiru appelli minn sentenzi fejn jingħataw pieni karċerarji, kultant anke appelli frivoli li ma jservu xejn ħlief li jtawlu ż-żmien u jaħlu l-ħin tal-Qorti. Issa ukoll qed tidħol id-drawwa li qed tingħata bħala aggravju l-fatt li l-Ewwel Qorti ma tatx riduzzjoni biżżejjed fil-piena ġàladarba kien hemm ammissjoni ta' l-imputat u kooperazzjoni tiegħu mal-pulizija. Qed tingħata l-impressjoni li kważi tali riduzzjoni fil-piena għandha tkun xi ħaġa awtomatika u bi dritt kull meta jkun hemm xi ammissjoni. Din il-Qorti qed tagħmilha ċara li dan mhux *il-każ*, u *kif intqal* qabel, hemm bosta fatturi u ċirkostanzi li l-Qorti tara qabel ma

tiddeċidi li xi każ partikolari *jimmerita dan it-tnaqqis*;

Dwar l-aggravju prinċipali ta' l-appellant fuq il-kwistjoni tar-reċidiva, din il-Qorti tosserva li ż-żieda fil-piena minħabba reċidiva hija tabilħaqq legali għaliex din iż-żieda hija stabbilita mil-liġi. Barra minn hekk, żieda fil-piena hija ukoll ekwa, jew mhix inekwa. Ċertament ma hemm ebda kundanna doppja f'każijiet ta' reċidiva fuq l-istess fatt. Reċidiva fil-fatt hija ċirkostanza merament personali, u ma għandha ebda referenza għall-kontenut objettiv la tar-reat preċedenti u lanqas tar-reat attwali, billi l-awment fil-piena bħala effett tar-reċidiva mhux inflitt għall-ewwel reat, li l-piena tiegħu ġà ġiet espijata jew ikkundannata. Lanqas dan l-awment mhu inflitt għar-reat attwali li baqa' l-istess fil-kontenut materjali tiegħu. L-awment fil-piena għandu rapport biss mal-personalità tal-ħati u jsib ir-raġuni tiegħu fil-persistenza tal-ħati fuq delinkwenza;

Fil-fatt, ir-reċidiva hija akkuża u reat <u>per se</u> separata u distinta minn kwalunkwe akkuża jew akkużi oħra, tant li l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedu ċerti kondizzjonijiet u elementi li *jridu jiġu sodisfatti* u, fuq kollox, ippruvati mill-prosekuzzjoni, tant li wieħed jista' jiġi lliberat minn akkuża ta' reċidiva;

Kif ġà ntqal, iż-żieda fil-piena għall-fatt il-ġdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi ħaġa li tirreferi għal persuna, u r-reċidiv ma jista' jkun ħadd iżjed ħlief persuna partikolari li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, u tagħmel reat ieħor. Għal kull reat u akkuża oħra, l-akkuża tar-reċidiva hija limitata biż-żmien, u dan *ai termini* ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9. Iżda mbagħad hemm l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 li jistabbilixxi konsegwenzi u effetti legali ta' meta wieħed ikun ġà ġie kkundannat għal reat jerġa' jiġi kkundannat għal reat ieħor u dan mingħajr ebda limitazzjonijiet ta' żmien.

L-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 jitkellmu dwar ir-reċidiva b'mod ġenerali għal kwalunkwe tip ta' reat u delitt. L-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 jitkellem, mill-banda l-oħra, f'parti speċjali jew espressa tal-Kodiċi Kriminali li permezz tiegħu ma hemm l-ebda limitazzjoni ta' żmien. Din hi disposizzjoni *speċjali f'każ* tat-tieni kundanna għall-kommissjoni ta' reati tan-natura stabbilita f'dan l-artikolu;

Illi dwar dik il-parti fir-rikors ta' l-appell ta' Steven Zahra fejn qed jissottometti li b'referenza għas-sentenza *tal-Qorti tal-*Maġistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 1991, li minħabba fih l-appellant ġie akkużat li hu reċidiv, liema sentenza infliġġiet piena fuq l-appellant ta' ċanfira u twiddiba, minkejja l-fatt li l-akkuża kienet waħda ta' delitt, u għalhekk skond l-appellant ma japplikax l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9, jiġi għalhekk irrilevat li skond każistika in materja mhuwiex biżżejjed li wieħed iħares biss lejn il-piena inflitta. Hafna drabi jista' jiġri li għalkemm il-piena inflitta fiha nnifisha tkun waħda kontravvenzjonali, ma jfissirx però li wieħed għandu b'daqshekk *jiskarta u jinjora illi* s-sejbin ta' ħtija trid tkun ta' wieħed ta' delitt, indipendentement mill-piena inflitta. Wieħed għandu jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u mhux iħares biss lejn il-piena inflitta;

L-effett tar-reċidiva mhuwiex li l-istess persuna qed tiġi punita darbtejn fuq xi reat anteċedenti li fuqu tkun ġà ġiet mogħtija piena, iżda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tiġi punita għal fatt ġdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tiġi punita għall-istess fatt iżda għall-ewwel darba u bla preċedenti;

Għalhekk, din il-Qorti tara li ġaladarba hawn għandna t-tieni kundanna ta' l-appellant, l-Ewwel Qorti korrettement ma setgħetx ma tapplikax il-konsegwenzi kombinati kkontemplati

fl-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 li żgur jeżorbitaw l-applikazzjoni ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi għalhekk din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel aggravju ta' l-appellant;

Illi dwar it-tieni aggravju ta' l-appellant, u ċjoè li skond hu, il-piena inflitta fuq kienet eċċessiva minkejja l-fatt li hu kien ammetta kważi l-akkużi kollha, din il-Qorti qed terġa' tagħmel referenza għal dak li esprimiet aktar 'il fuq f'dan ir-rigward B'żieda għal dak ġà sottomess minnha, il-Qorti tirrileva li l-appellant kien għamel din l-ammissjoni tiegħu mhux f'xi stadju bikri tal-proċeduri kontrih iżda ħafna wara l-bidu ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt il-proċeduri kriminali bdew fis-17 t'April, 1997, filwaqt li l-ammissjoni tiegħu saret fit-18 ta' Novembru, 1997, ċjoè seba' xhur wara u dan wara li l-prosekuzzjoni kienet ġà eżawriet il-provi tagħha kollha u kien imiss lill-appellant, allura imputat, li jibda bil-provi tiegħu. Barra minn hekk, mill-atti ta' l-istruttorja jidher ċar li l-appellant mhux persuna li tagħti affidament. Dan qed jingħad l-għaliex jirriżulta li hu kien ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest preventiv b'digriet ta' l-Ewwel Qorti tal-15 ta' Settembru, 1997, fejn fost il-kondizzjonijiet li dik il-Qorti imponiet fuq l-appellant kien hemm kondizzjoni speċifika li hu jkompli jattendi kors ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga mal-Komunità Terapewtika tal-*Caritas* bħala resident hemmhekk. Irriżulta li proprju ftit ġranet wara, fid-29 ta' Settembru, 1997, l-appellant, bla ma informa lil ħadd, qabad u telaq mill-Komunità fejn kien obbliga ruħu li jirrissjedi biex jagħmel l-imsemmi programm ta' riabilitazzjoni (ara ittra tal-Ko-ordinatur Joseph Gatt tat-30 ta' Settembru, 1997, Dok. AB5, a fol. 84). Fil-fatt, in segwitu għal din l-ittra, l-Ewwel Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1997 ordnat ir-riarrest ta' l-appellant talli kiser il-fuq imsemmija kondizzjoni imposta fuqu fid-digriet ta' l-istess Qorti tal-15 ta' Settembru, 1997 fejn ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest preventiv;

Illi għalhekk dawn huma ċirkostanzi li ċertament jimmilitaw kontra Steven Zahra meta l-Qorti tiġi biex tikkunsidra jekk hu jistħoqqlux mitigazzjoni fil-piena. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi biss, din il-Qorti tara li dan l-appellant ċertament ma jikkwalifikax għal xi riduzzjoni fil-piena;

Għal dawn il-motivi għalhekk il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell ta' Steven Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'effett immedjat.